**26 ta' Awissu, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emanuel Seisun u Pius *sive* Pio Micallef

***Doctrine of Recent Possession - Law of Evidence***

*It-teorija (*theory of unlawful possession of recently stolen goods*) mhi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati, fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti.*

*Hu risaput li in tema ta'* law of evidence, *kemm-il darba ma jkunx hemm xi disposizzjoni kuntrarja fil-Kodiċi tagħna, il-ġurisprudenza tagħna ssegwi ħafna dik Ingliża.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Emanuel Seisun u Pius *sive* Pio Micallef, talli: (1) nhar it-8 ta' Diċembru, 1995, għall-ħabta ta' l-10.00 ta' filgħaxija, f'Bormla, flimkien ma' persuni oħra, ikkommettew serq mill-fond numru 9, Triq San Pawl, Bormla, liema delitt huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira

Maltija (Lm1,000), bil-lok u bil-ħin; (2) fl-istess lejl, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara hija ta' aktar minn għaxar liri Maltin (Lm10) iżda hija inqas minn ħamsin lira Maltija (Lm50) u dan għad-dannu ta' l-aħwa Burlò; (3) fl-istess lejl, lok, ħin u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Melita, Aida u Mary aħwa Burlò, kontra l-volontà tagħhom; (4) fl-isttess lejl, lok, ħin u ċirkostanzi, fil-ħin ta' delitt kontra l-persuna, jew id-delitt ta' serq, jew ta' ħsara fuq il-proprjetà, kellhom fuq il-persuna tagħhom xi arma tan-nar jew arma regolari; (5) fl-istess lejl, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaġunaw offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' Melita, Aida u Mary aħwa Burlò, skond ma ċċertifika t-tabib Michael Borg M.D.; (6) fl-istess lejl, lok, ħin u ċirkostanzi, fil-ħin li ġew arrestati għall-għemil ta' xi delitt, kellhom fuq il-persuna tagħhom xi arma tan-nar jew arma regolari; (7) fl-istess lejl, lok, ħin u ċirkostanzi, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellhom f'idejhom jew fuqhom arma tan-nar u/jew munizzjon; (8) saru reċidivi b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' Ġunju, 1997, li permezz tagħha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmija Emanuel Seisun u Pius *sive* Pio Micallef mill-imputazzjoni tar-reċidiva, iżda sabithom ħatja skond l-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u kkundannathom għall-piena ta' seba' (7) snin priġunerija kull wieħed bla ebda tnaqqis ta' kull żmien li huma setgħu kienu taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' l-imsemmi każ. Inoltre, dik il-Qorti kkundannat liż-żewġ imputati sabiex solidalment bejniethom iħallsu l-ispejjeż peritali kollha konnessi mal-każ u dan fi żmien xahar minn meta jkunu ġew hekk mitlubin mir-Reġistratur tal-Qorti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Pius *sive* Pio Micallef, minnu ppreżentat fis-16 ta' Ġunju, 1997, li permezz tiegħu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat ukoll ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emanuel Seisun, minnu ppreżentat fit-23 ta' Ġunju, 1997, li permezz tiegħu talab ir-revok (*recte*: riforma) ta' l-istess sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

*Omissis*;

L-ewwel aggravju ta' l-appellant Micallef hu li ma ġie qatt ippruvat sodisfaċentement li hu kien wieħed minn dawk in-nies li kienu fil-vettura mwaqqfa mis-suldati u li fiha nstabet ir-refurtiva. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ser tirrespinġi din is-sottomissjoni. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, hi moralment konvinta, a bażi tad-deposizzjonijiet ta' W.O. II Vella u ta' Gunners Emanuel Chircop, David Defelice u Anthony Catania, li Micallef kien f'dik il-vettura u li, bl-iskuża li qed jagħmel l-awrina, warrab ftit 'il bogħod u telaq inkiss inkiss minn fejn kien hemm is-suldati;

It-tieni, tielet, raba', ħames, sitt u seba' aggravji ta' l-appellant Micallef huma, bażikament, li anke kieku jirriżulta bħala fatt li hu kien f'dik il-vettura, dan ma jwassalx għall-konklużjoni li hu kellu x'jaqsam mas-serqa. L-appelant jikkritika l-applikazzjoni, f'dan il-każ, da parti ta' l-Ewwel Qorti ta' l-hekk imsejjħa *theory of unlawful possesion of recently stolen goods*; jgħid li kienet il-prosekuzzjoni li kellha tipprova li hu kien involut fis-serqa (ħaġa li, skond hu, il-prosekuzzjoni ma għamlithiex); li bis-sempliċi fatt li hu kien f'dik il-vettura ma jfissirx li kien "fil-pussess" tar-refurtiva; li l-

imsemmija teorija mhix parti mil-liġijiet ta' Malta; u li fl-agħar ipotesi hu ma jistax jinstab ħati ħlief ta' riċettazzjoni;

L-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, eżaminat bir-reqqa kemm il-ġurisprudenza lokali u dik Ingliża, kif ukoll diversi awturi Ingliżi b'referenza għat-teorija msemmija fil-paragrafu preċedenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti din it-teorija mhi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati, fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti. Hu risaput li in tema ta' *law of evidence*, kemm-il darba ma jkunx hemm xi disposizzjoni kuntrarja fil-Kodiċi tagħna, il-ġurisprudenza tagħna ssegwi ħafna dik Ingliża, u ma hemm ċertament xejn x'wieħed jiċċensura fil-fatt li l-Ewwel Qorti ċċitat ġurisprudenza u awturi Ingliżi. Din il-Qorti ukoll ser tikkwota mill-aħħar edizzjoni ta' *Archbold* peress li hi tal-fehma li l-bran li ġej jittratta bl-aktar mod konċiż u preċiż il-kwistjoni kollha marbuta ma' din it-teorija:

"*There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possesion. The "rule" (for it is no more than the application of common sense) is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be aso directed: see* ***R.*** **vs** ***Loughlin****, 35 Cr.App.R.69;* ***R.*** **vs** ***Seymour****, 38 Cr. App.R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.*

*In* ***R. v Smythe****, 72.Cr.App.R.8.C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from* Cross on Evidence*, 5th ed., p. 49 (now 8th ed. p. 35): "If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.*

*Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection*

*with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence*" (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126);

U aktar 'il quddiem jingħad:

"*What constitutes "recent possession" depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case ... In **R. v Smythe** ... Kliner Brown J., giving the Court of Appeal's judgement said: "Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence*" (para. 21-320);

Fil-każ in diżamina ma hemmx dubbju li bħala fatt l-erba' okkupanti tal-vettura kienu fil-pussess, jiġifieri kellhom kontroll tar-refurtiva. Din ir-refurtiva ma kinitx xi ħaġa żgħira li wieħed jista' jgħid li ma kinitx tidher; kienet anzi pjuttost voluminuża u kienet mitfugħa bl-addoċċ wara s-*seat* tas-sewwieq. Kienet għadha kif insterqet <u>ftit minuti biss qabel</u> ma nstabet mis-suldati, u nsterqet <u>minn post fil-viċin</u>; ir-refurtiva instabet <u>kollha</u>. L-ispjegazzjoni mogħtija mill-appellant Micallef - li hu lanqas kien fil-karozza - kjarament ma tistax titwemmen fid-dawl ta' l-identifikazzjoni tiegħu mis-suldati kollha preżenti, u l-Ewwel Qorti ma emmnithiex. Hu prattikament ħarab minn fuq il-post fejn waqqfuhom is-suldati. L-Ewwel Qorti kienet għalhekk legalment u raġonevolment intitolata li tikkonkludi li dana l-appellant kien involut fis-serqa mir-residenza ta' l-aħwa Burlò. Fejn din il-Qorti ma taqbilx ma' l-Ewwel Qorti hu dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti sabet lil Micallef (u lil Seisun) ħatja bħala awturi tar-reat ta' serq kwalifikat, meta fil-att il-provi kienu jwasslu biss għal sejbien ta' ħtija fil-grad ta' kompliċità, u dan a bażi tar-regola msemmija fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali, li tipprovdi li "meta

tnejn min-nies jew aktar ikunu akkużati bħala awturi ta' reat u jiġi ppruvat li dan ir-reat sar minn wieħed jew uħud minnhom, il-ġuri jista' jiddikjara lill-akkużati kollha ħatjin bħala kompliċi fir-reat, jekk ikun ġie ppruvat li lkoll ħadu fir-reat parti biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi". Fil-każ in diżamina, l-erba' minn nies li kienu fil-vettura kienu involuti fis-serqa (u dan *kif jirriżulta ukoll mis-sentenza mogħtija mill-Qorti* Inferjuri fil-konfront ta' Licari u Calleja); iżda l-aħwa Burlò jgħidu li tnejn biss daħlu fir-residenza tagħhom u huma qatt ma setgħu jispeċifikaw min minn dawk l-erba' kienu t-tnejn li daħlu. Għalhekk din il-Qorti ser issib lill-appellant Micallef ħati biss bħala kompliċi fir-reat ravviżat fl-ewwel imputazzjoni. U, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 45 tal-Kodiċi Kriminali, il-kwalifiki li dan l-appellant għandu jwieġeb għalihom huma biss dawk tal-valur (aktar minn elf lira), lok (dar ta' abitazzjoni) u ħin. Għalhekk jaqa' ukoll l-aggravju tal-vjolenza diretta kontra persuna li tkun għalqet il-ħamsa u sittin sena, u dan apparti l-fatt li fin-noti tiegħu ta' rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Generali ma invokax l-artikolu 276A li jikkontempla dan l-aggravju. Sa hawnhekk biss jistgħu jwasslu l-provi tal-prosekuzzjoni. A propożitu ta' l-imputazzjonijiet numru sitta u sebgħa l-Qorti tosserva li l-arma tan-nar in kwistjoni ma kienet fuq il-persuna ta' ebda wieħed mill-erba' okkupanti tal-vettura, u għalhekk ma jikkonfigurax ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 26 tal-Kap. 66; *filwaqt li tenut kont tad-dimensjonijiet żgħar ta' l-arma tan-nar* in kwistjoni u tal-fatt li din kienet moħbija taħt it-tapit taħt is-*seat* tad-*driver*, l-aktar li wieħed jista' jgħid, għall-finijiet ta' l-artikolu 3 (1A) tal-Kap. 66, hu li din kienet fil-kontroll tas-sewwieq tal-vettura u mhux ta' l-appellanti Micallef jew Seisun;

Aggravju ieħor ta' l-appellant Micallef hu dwar il-piena, li huwa jqis eċċessiva. In vista tal-premess, ser ikun hemm neċessarjament riduzzjoni fil-piena;

L-aggravji ta' l-appellant Seisun, għalkemm miġjuba fir-

rikors tiegħu b'mod aktar konċiż, huma bażikament l-istess bħal dawk ta' Micallef, u għalhekk fil-konfront tiegħu japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet aktar 'il fuq imsemmija fir-rigward ta' Micallef. Għandu *jiġi ppreċiżat* li l-Ewwel *Qorti*, li *kellha* l-opportunità li tara lil dana l-appellant jixhed quddiemha evidentement ma emmnitx il-versjoni tiegħu dwar kif sab ruħu fil-vettura, u dan kif kellha kull dritt li tagħmel. Dan l-appellant, *iżda, għandu* aggravju *li ma jiffigurax fir-rikors ta' Micallef.* Seisun jilmenta li s-sentenza appellata ngħatat mill-istess Maġistrat li f'xi żmien qabel kien ta s-sentenza fil-konfront ta' Licari u Calleja, u li f'dik is-sentenza dan il-ġudikant kien esprima ruħu dwar il-ħtija ta' l-appellanti odjerni. Issa huwa veru li f'dik is-sentenza (tal-15 ta' Ottubru, 1996) hemm żewġ referenza fuġġeski għaż-żewġ "malviventi l-oħra", li din il-Qorti tifhem li hi referenza għall-appellanti odjerni. Huwa ċertament importanti li ġudikant, speċjalment meta jkun hemm separazzjoni tal-ġudizzju bħalma kien hemm f'dan il-każ, jgħid biss dak li hu strettament neċessarju fis-sentenza u li ma jgħid xejn li jista' jammonta jew li jidher li jista' jammonta għal "pre ġudizzju" fil-konfront ta' imputati jew akkużati oħra. Però, jekk l-appellant Seisun ħass li seta' jsofri xi preġudizzju fil-kawża tiegħu minħabba dak li kien ingħad fis-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Licari u Calleja, hu kellu rimedju sempliċi, u ċjoè li jitlob ir-rikuża tal-Maġistrat. Dan mhux biss ma għamlux, iżda fl-udjenza ta' l-20 ta' Marzu, 1997, hu (kif ukoll Micallef) tennew li ma kellhomx oġġezzjoni li l-kawża tiġi deċiża minn *dik il-Qorti u talbu biss żmien biex iressqu l-provi tagħhom (ara* fol. 207). Dana l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint;

Għall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi: (1) tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imsemmija Emanuel Seisun u Pius *sive* Pio Micallef ħatja ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet, u minflok issibhom ħatja biss ta' kompliċità f'serq ikkwalifikat bil-valur (aktar minn elf lira), bil-

lok (dar ta' abitazzjoni) u bil-ħin; (2) tħassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannathom għall-piena ta' seba' snin priġunerija kull wieħed u minflok *tikkundanna lil kull* wieħed mill-appellanti għall-piena ta' tliet (3) snin u għaxar (10) xhur priġunerija; u (3) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

---